MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1400/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Arif Mehmet Gerrard Ahmed (K.I. 50560A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elfejn hames mija u sitta u ghoxrin ewro u wiehed u disghin centezmu (€2526.91) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 460630 ghas-servizz telefoniku cellulari u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young. u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------